**Kulleġġ San Nikola Sekondarja tas-Subien, In-Naxxar**
**St. Nicholas College Naxxar Boys Secondary**

# Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
# Frar 2015

| It-Tielet Sena | Ġeografija (Ġenerali) | ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

Isem ____________________________________ Klassi ________________

**Taqsima A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha ta' din it-taqsima.**

1. (a) F'disinn 1 immarka l-karatteristiċi fiżiċi ta' max-xatt fil-kaxxi l-vojta billi tagħżel mill-kliem t'hawn taħt: **ħnejja/tieqa, taqtigħa, skoll, ilsien ta' art**




Disinn 1 (4 marki)

(b) Ikteb **Veru** jew **Falz** ħdejn kull sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| i | Ix-xatt jifforma bil-qawwa tal-mewġ. | |
| ii | It-tieqa tifforma qabel l-għar. | |
| iii | Id-Dwejra hi eżempju ta' tieqa. | |
| iv | Meta taqa' il-parti ta' fuq tat-tieqa tifforma skoll/sikka żgħira. | |

(4 marki)

2. Ħares lejn disinn 2 u wieġeb il-mistoqsijiet billi tagħmel ✓ fejn it-tweġiba t-tajba.



Disinn 2

(a) X'tip ta' biedja qed jipprattika l-bidwi f'disinn 2?

| | |
|---|---|
| Trobbija tal-bhejjem | |
| Kultivazzjoni tar-raba' | |
| It-tnejn f'daqqa | |

(b) F'din it-tip ta' biedja l-bidwi qed:

| | |
|---|---|
| ikabbar il-ħaxix u il-frott | |
| irabbi l-annimali | |
| it-tnejn f'daqqa | |

(c) Liema prodotti jitkabbru hawn Malta?

| | |
|---|---|
| Banana u mango | |
| Pastard u kaboċċi | |
| Avocado u kiwi | |

(3 marki)

3. Imla l-vojt b'dawn il-kliem:

**parassiti** **prevenzjoni** **kimika** **pestiċidi**

Il-bidwi llum qed juża aktar ___________________ bħal ma huma l-insettiċidi u l-_________________ biex jikkontrollaw il-_________________, l-insetti u dud ieħor. L-insettiċidi u l-pestiċidi jintużaw bħala _________________ kif ukoll bħala kura għall-mard tal-frott u ħaxix fl-għelieqi.

(4 marki)

**Taqsima B**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'din is-sezzjoni (minn 4 sa 6). It-tweġibiet għandhom ikunu qosra u preċiżi.**

4. Disinn 3 juri **blataforma.**



Disinn 3

(a) Fil-kaxxa ta' hawn taħt pinġi kif tifforma **blataforma**. Tista tuża' dawn il-kliem:

**qatgħa taħt is-sies** **blataforma** **is-sies jirtira lura**

(4 marki)

(b) Ikteb in-numri 1, 2, 3 fl-ordni li suppost biex tispjega kif tifforma blataforma:

| | |
|---|---|
| | L-irdum jiddgħajjef, jaqa' u jifforma blataforma. |
| | Il-mewġ jgħawwar il-blat u biż-żmien tifforma qatgħa fil-qiegħ tas-sies. |
| | Il-mewġ jibda jkabbar ix-xquq ta' ġo l-irdum. |

(3 marki)

5. Disinn 4 qed juri ix-xatt qabel ma jkun attakkat mill-erożjoni bil-mewġ.




Disinn 4

(a) Bl-għajnuna ta' disinn 4 pinġi l-forma tax-xatt wara li ġie attakkat mill-mewġ.

(2 marki)

(b) Fuq id-disinn li pinġejt f'(a) immarka: **l-ilsien tal-art, bajja, blat iebes u blat artab.**

(4 marki)

(c) Fil-qosor spjega kif jiffurmaw il-bajjiet.

(4 marki)

(d) Fuq disinn 5 immarka u ikteb l-isem ta' **żewġ** bajjiet f'Malta jew Għawdex.



Disinn 5 (2 marki)

6. Ħares sewwa lejn disinn 6 li qed juri l-medja ta' xita li tinżel għal kull xahar fil-Gżejjer Maltin.




Disinn 6

(a) F'liema xahrejn tas-sena l-bidwi Malti l-inqas li għandu għalfejn iħabbel rasu kif se jsaqqi l-għelieqi tiegħu?

______________________________________________

(marka)

(b) Spjega għaliex għażilt dawn ix-xahrejn.

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

(c) Liema huma dawk ix-xhur meta il-ħamrija jkollha bżonn it-tisqija?

______________________________________________

(marka)

(d) Spjega għaliex għażilt dawn ix-xhur.

(2 marki)

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb tliet (3) mistoqsijiet minn din is-sezzjoni (7 sa 10). It-tweġibiet iridu jkunu dettaljati u jinkitbu fuq karta separata. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

7. ***"L-iżviluppi li saru fis-sajd bil-mezzi teknoloġiċi moderni żiedu sew l-effiċjenza ta' din l-industrija u b'riżultat t'hekk l-ammont ta' ħut li qed jinqabad żdied."***



Disinn 7

(a) Disinn 7 qed juri gaġġa li tintuża fl-akkwakultura. X'inhi l-akkwakultura? (2 marki)
(b) Semmi **żewġ** postijiet fil-Gżejjer Maltin fejn l-akkwakultura tiġi prattikata. (2 marki)
(c) Spjega fil-qosor il-proċess tal-akkwakultura. (4 marki)
(d) Spjega għalfejn l-akkwakultura hi mportanti fil-Mediterran speċjalment fil-Gżejjer Maltin. (6 marki)
(e) Semmi u spjega **tliet** vantaġġi u **tliet** żvantaġġi tal-akkwakultura. (6 marki)

8. ***"Il-ħamrija għandha il-ħila li twettaq għadd ġmielu ta' funzjonijiet vitali li jsostnu l-ħajja fuq l-art. Biss jekk il-ħamrija ma tkunx miżmuma tajba tista' tintilef fi żmien qasir."***

(a) Spjega **erba'** modi kif il-ħamrija, speċjalment fil-Gżejjer Maltin, tista' tintilef. Semmi kemm kawżi naturali, kif ukoll kawżi li ġejjin mill-bnedmin. (8 marki)
(b) Spjega **erba'** modi kif wieħed jista' jikkonserva l-ħamrija biex ma tkomplix tintilef. (8 marki)
(c) F'liema staġun taħseb li l-aktar li tista' tintilef ħamrija hawn Malta. Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek. (4 marki)

9. Disinn 8 qed juri attivitajiet differenti li jsiru fil-Baħar Mediterran.



Disinn 8

(a) Spjega għalfejn il-baħar hu importanti għall-ħajja fid-dinja billi tagħti eżempji ta' attivitajiet li jsiru fil-Baħar Mediterran. (6 marki)

(b) Għalfejn il-Baħar Mediterran hu f'riskju kbir ta' tniġġis? (4 marki)

(c) Semmi **żewġ** modi kif il-Baħar Mediterran qed jitniġġes u spjega fid-dettal l-effett ta' dan it-tniġġis fuq il-ħajja fil-baħar. (10 marki)

10. (a) Xi tfisser **biedja organika**? (2 marki)

(b) Semmi u spjega **tliet** vantaġġi u **tliet** żvantaġġi ta' biedja organika. (6 marki)

(c) Spjega kif il-pestiċidi artifiċjali jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent u lill-bniedem. (6 marki)

(d) Spjega kif il-fertillizanti artifiċjali jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent. (6 marki)